MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## AUDREY DEMICOLI

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2015

Numru. 920/2014

**Il-Pulizija**

**Spettur Arthur Mercieca**

**vs**

**Ronnie Mackay**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta’ Ronnie Mackay ta’ 32 sena, bin Anthony u Yvonne nee’ Cutajar, imwieled Pieta’ fit-8 ta’ Mejju, 1981, residenti fil-fond 19 Butterfly Street Marsa u detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 228781(M).

Akkuzat talli f' Lulju, 2013 u fix-xhur ta' qabel f' dawn il-gzejjer minghajr l-approvazzjoni bil-miktub tal-Kummissarju tal-Pulizija, b' xi mod li kien, baghbas, nehha, biddel jew ghamel numru tal-identifikazzjoni ta' chassis jew magna, jew fuq, vettura bil-mutur u cioe biddel in-numru tac-chassis u tal-magna ta' vettura JBP 531.

U Aktar talli matul is-sena 2013 importa jew dahhal vettura bil-mutur f' Malta u naqas milli jaghti avviz ta' dik l-importazzjoni, dhul jew manifattura lill-Awtorita' b' dak il-mod hekk kif tista' tordna l-Awtorita' minn zmien ghall-iehor, jew hekk kif jista' jigi preskritt b' regolamenti u dana bil-hsieb li jevadi taxxa dovuta jew li tista' ssir dovuta li jammonta ghal Euro 1314.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f' kaz ta' htija tordna l-konfiska tal-vettura in kwistjoni.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 7 ta' Novembru, 2014 (esebit a fol. 9 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tas-7 ta' Novembru, 2014 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghet l-ammissjoni ta’ l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta’ nhar id-29 ta’ Jannar, 2015 ghall-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u cioe’ wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b’ mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga’ lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Semghet s-sottomissjonijiet finali mill-Prosekuzzjoni u d-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta’ l-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m’ ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta’ l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri u l-fatt li kkopera fil-kors tal-investigazzjoni.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 4 u 22, 21(1)(a)(b) u (d) tal-Kap 368 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Artikolu 298D tal-Kodici Kriminali, il-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u tikkundannah multa ta’ elfejn sitt mija tmienja u ghoxrin ewro (€2,628).

B’ applikazzjoni tal-Art 21(2) tal-Kap. 368 u tal-Art. 23 tal-Kodici Kriminali, l-Qorti tordna l-konfiska favur il-Gvern ta’ Malta tal-vettura tal-marka Renault bin-numru tar-registrazzjoni JBP 531 u tal-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni HT53KDV li gew esebiti formalment fl-udjenza tas-7 ta’ Novembru, 2014 u huma mmarkati bhala dok AM 5 u AM 6.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------